Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,616, 30 ta' April, 2021
Taqsima B

A.L. 203 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2021 dwar iċ-Ċertifikat tat-Tilqima kontra l-COVID-19

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, wara konsultazzjoni mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*, għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 dwar iċ-Ċertifikat tat-Tilqima kontra l-COVID-19.

(2) L-għan ta' dan l-ordni hu sabiex jiġi mfisser il-bażi legali għall-ipproċessar ta' *data* personali mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika matul il-pandemija tal-COVID-19 meta:

(a) jinħareġ ċertifikat tat-tilqima interoperabbli għall-persuni li jkunu ġew imlaqqma ġewwa Malta u li jirrikjedu l-istess ċertifikat tat-tilqima sabiex jivvjaġġaw lejn pajjiżi terzi; u

(b) jivverifika u jaċċetta ċertifikat interoperabbli rikonoxxut tat-tilqima maħruġ minn awtorità kompetenti f'pajjiż terz għall-persuni li jaslu Malta minn pajjiż terz.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni għandhom jinqraw f'konformità ma' u għandom ikunu bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE. Kap. 586.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"ċertifikat rikonoxxut tat-tilqima" tfisser ċertifikat interoperabbli li jirreġistraw li persuna tkun kompletament imlaqqma u liema ċertifikat jkun maħruġ minn pajjiż terz li jkollu ftehim bilaterali ma' Malta;

"ċertifikat tat-tilqima" tfisser ċertifikat interoperabbli ġġenerat f'Malta fuq it-talba ta' persuna u li jinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Iskeda;

"identifikatur taċ-ċertifikat uniku" tfisser sett ta' numri u ittra li jiġu mogħtija lil kull ċertifikat skont dan l-ordni u liema għandhom ikunu speċifiċi għall-kull ċertifikat tat-tilqima;

"interoperabbilità" jew "interoperabbli" tfisser li ċertifikat tat-tilqima u ċertifikat rikonoxxut tat-tilqima jkunu jistgħu jiġu verifikati f'Malta u fil-pajjiż terz li jagħmel parti minn ftehim bilaterali skont l-artikolu 4;

"pajjiż terz" tfisser kull pajjiż barra minn miż-Żona Ekonomika Ewropea;

"persuna kompletament imlaqqma" tfisser persuna li tkun irċeviet id-doża kollha applikabbli ta' tilqima approvata bħala prodott mediċinali skont l-istruzzjonijiet ippubblikati mill-manifattur, liema tilqima tkun effettiva erbatax (14)-il jum wara l-aħħar doża riċevuta;

"Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*" tfisser Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE;

"tilqima" tfisser prodott mediċinali immunoloġiku sabiex jipprevjeni l-COVID-19;

"*trust framework*" tfisser ir-regoli, politika, speċifikazzjonijiet, protokolli, *formats* tad-*data* u infrastruttura diġitali li jirregolaw u jippermettu għall-ħruġ affidabbli u sigur u għall-verifika taċ-ċertifikati sabiex ikun garantit l-affidabbiltà u sabiex tiġi kkonfermata l-awtenticità, il-validità u l-integrità.

Ħruġ taċ-ċertifikat tat-tilqima.

3. (1) Għall-finijiet ta' dan l-ordni, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għandu jkun l-awtorità tas-saħħa kompetenti sabiex joħroġ iċ-ċertifikat tat-tilqima f'Malta u għandu jiġi kkunsidrat bħala l-kontrollatur għall-fini tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

(2) Persuna li tkun ġiet imlaqqma f'Malta tista' titlob lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika joħroġ ċertifikat tat-tilqima:

Iżda ċertifikat tat-tilqima għandu jkun maħruġ biss jekk il-persuna kompletament imlaqqma tirrikjedi l-istess ċertifikat tat-tilqima sabiex tidħol ġo pajjiż terz.

(3) Ċertifikat tat-tilqima għandu jkun disponibbli għall-persuna b'format diġitali jew stampat.

(4) Ċertifikat tat-tilqima għandu jkun validu biss għall-perjodu ta' sitt (6) xhur.

(5) Id-detentur taċ-ċertifikat tat-tilqima għandu jkun intitolat li jitlob il-ħruġ ta' ċertifikat tat-tilqima ġdid jekk id-*data* personali li tinsab fiċ-ċertifikat ma għadhiex preċiża jew aġġornata, jew jekk iċ-ċertifikat ma għadux disponibbli għad-detentur jew inkella ma għadux validu.

(6) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista', għall-għan ta' statistika, riċerka u awditjar, iżomm reġistru bl-identifikatur taċ-ċertifikat uniku bħala referenza għaċ-ċertifikat tat-tilqima u mingħajr dettalji identifikabbli tad-detentur.

Ftehim bilateri.

4. (1) Il-Gvern ta' Malta, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, jista' jidħol fi ftehim bilateri ma' pajjiż terz bil-għan li jkun hemm rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikat tat-tilqima maħruġ minn Malta u minn pajjiż terz:

Iżda ftehim bilaterali għandu jkun imfassal skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u kwalunkwe obbligu internazzjonali fis-seħħ.

(2) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għandu jippubblika avviż fil-Gazzetta li tinkludi pajjiż terzi li huma parti minn ftehim bilateri skont is-subartikolu (1).

Bażi legali.

5. (1) L-ipproċessar tad-*data* skont l-artikolu 3 huwa neċessarju għar-raġunijiet ta' interess pubbliku fil-qasam tas-saħħa pubblika u skont l-Artikoli 6(1)(e) u 9(2)(i) tar- Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

(2) L-ebda *data* personali relatata maċ-ċertifikat tat-tilqima u maċ-ċertifikat rikonoxxut tat-tilqima ma għandha tkompli tiġi proċessata mill-kontrollur għal skop li jmur lil hinn mill-ambitu ta' dan l-ordni.

Trust framework.

6. (1) Mezzi tekniċi bbażati fuq it-*trust framework* għandhom jintużaw għall-ħruġ u l-verifika taċ-ċertifikat tat-tilqima u ċ-ċertifikat rikonoxxut tat-tilqima, li għandhom jipprovdu għall-interoperabilità, integrità u awtentiċtà taċ-ċertifikati.

(2) Il-mezzi tekniċi u t-*trust framework* skont is-subartikolu (1) jistgħu jkunu definiti fil-ftehim bilaterali ffirmat ma pajjiż terz, inkluż protezzjoni tad-*data* mid-disinn u l-protezzjoni tad-*data* b'mod awtomatiku.

(3) It-*trust framework* għandu jipprovdi dawk il-miżuri tekniċi

u organizzattivi meħtieġa biex tiġi żgurata sigurtà adegwata sabiex tissalvagwardja l-kunfidenzjalità, l-integrità, id-disponibbiltà u r-reżiljenza tad-*data* personali li tkun qiegħda tiġi proċessata għall-iskop ta' dan l-ordni.

(4) Meta ċertifikat tat-tilqima jinħareġ u jiġi vverifikat, l-unika *data* li tista' tintalab għandha tkun biss dik id-*data* li hi neċessarja sabiex jiġi evitat l-użu ta' ċertifikat tat-tilqima falz u biex tikkonferma l-awtentiċità tiegħu.

SKEDA

Data li għandha tiġi inkluża fiċ-ċertifikat tat-tilqima:

(a) isem: kunjom(ijiet) u isem(ijiet), f'dik l-ordni;

(b) data tat-twelid;

(ċ) marda jew aġent fil-mira;

(d) tilqima/*prophylaxis*;

(e) il-prodott mediċinali tat-tilqima;

(f) detentur tal-awtorizazzjoni għat-tqegħid fis-suq tat-tilqima jew manifattur;

(g) numru fis-serje tat-tilqima/dożi;

(h) data tal-tlaqqim, indikazzjoni tad-data meta ttieħdet l-aħħar doża;

(i) pajjiż tat-tilqima;

(j) emittent taċ-ċertifikat;

(k) l-identifikatur taċ-ċertifikat uniku;

(l) numru tal-passaport jew numru ieħor ta' identifikazzjoni ta' persuna.
